MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2018

Rikors Maħluf Numru 439/2016LM

**Charlot Debono (ID 286382 M)**

***vs.***

**Malta Freeport Terminals Limited (C 27581)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-1 ta' Ġunju, 2016 mill-attur **Charlot Debono** (ID 286382 M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi r-rikorrenti Charlot Debono huwa reġistrat bħala ħaddiem tax-Xatt u għandu liċenzja numru 1042;*
2. *Illi fil-wieħed u tletin (31) ta' Marzu, 2014 kien qed jaħdem b'inkarigu tas-soċjetà intimata bħala truck driver fil-Freeport Terminal, Kalafrana meta korra serjament u sofra debilità permanenti u b'hekk sofra danni konsiderevoli kif ser jiġi ampjament ippruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

3. *Illi kaġun tal-ġrieħi ta' natura gravi li huwa ġarrab, l-attur sofra danni konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans;*

4. *Illi l-imsemmi inċident u danni konsegwenzjali seħħ unikament b'tort, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-soċjetà intimata li naqset milli tieħu dawk il-miżuri u dawk il-prekawzjonijiet neċessarji li setgħu jevitaw l-inċident in kwistjoni;*

5. *Illi għalkemm interpellata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti, is-soċjetà intimata baqgħet inadempjenti;*

6. *Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà konvenuta għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà intimata hija unikament responsabbli għall-inċident li seħħ nhar il-31 ta' Marzu, 2014 waqt il-ħin tax-xogħol, f'liema inċident ir-rikorrenti Charlot Debono sofra debilità permanenti;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza tal-imsemmi inċident, okkorrendo bin-nomina ta' Periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrent dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 972/2016 kontra s-soċjetà konvenuta li d-diretturi tagħha huma minn issa inġunti għas-subizzjoni, u bl-imgħax skont il-liġi.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Malta Freeport Terminals Limited** (C 27581) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fl-4 ta' Lulju, 2016, u maħlufa mill-avukat Duncan Borg Myatt (Numru tal-karta tal-identità 44578M) bħala rappreżentant tal-istess soċjetà konvenuta, li biha eċċepiet:

1. *Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur u dana stante illi l-inċident in kwistjoni ma seħħx b'xi tort jew negliġenza tas-soċjetà konvenuta;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-diżabilità allegatament sofferta mill-attur u d-danni allegatament sofferti minnu huma kkontestati, u l-attur għandu jressaq kull prova valida skont il-liġi sabiex jipprova d-danni pretiżi minnu;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur li huwa ħaddiem tax-Xatt, jikkontendi li sofra debilità permanenti konsegwenza ta' inċident li hu kellu ġewwa l-Freeport Terminal, Kalafrana, liema inċident seħħ meta hu saq bit-*truck* minn fuq ħofra fil-pavimentar fit-terminal fejn kien imissu jaħdem dakinhar li seħħ l-akkadut.

Is-soċjetà konvenuta rribattiet l-allegazzjonijiet dwar ir-responsabbilità tagħha bil-qawwa, tant li qanqlet dubji anki dwar jekk l-inċident inkwistjoni seħħx verament, u jekk hux minnu li kien hemm ħofra fil-paviment minn fejn saq l-attur.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

L-attur **Charlot Debono,** għażel li jixhed bil-mezz tal-*affidavit*[1], fejn stqarr li hu ħaddiem liċenzjat tax-Xatt, u li l-liċenzja tiegħu tkoprih għal xogħol fil-Freeport kif ukoll fil-portijiet madwar Malta. Hu qal li x-xogħol tiegħu jinvolvi s-sewqan ta' trakkijiet li jista' jsir biss ġewwa t-*terminals* tal-Freeport, *twist lock handling,* xogħol ta' *lashing,* u xogħol ieħor manwali, u tul id-disa' snin li kien ilu jagħmel dan ix-xogħol qabel kellu l-inċident inkwistjoni, qatt ma kellu inċidenti. L-attur qal li t-tip ta' *truck* misjuq minnu jkollu karru twil madwar ħamsin pied imwaħħal miegħu, u li dan il-karru jitgħabba mill-krejnijiet tal-Freeport b'*containers* tal-għoxrin (20) pied jew b'*container* wieħed tal-erbgħin (40) pied, u li dawn jitgħabbew fuq il-karru tat-*truck* mill-art permezz ta' *rubber tyred gantry* u li sussegwentement dawn jinħattu għal fuq il-vapur permezz ta' *quay crane*, jew inkella jsir l-istess proċess għal skopijiet ta' ħatt minn fuq il-vapur u x-xufier tat-*truck* isuq il-merkanzija lejn il-bitħa jew *storage area* fejn ikun ser isir il-ħatt. Hu qal li dakinhar tal-inċident inkwistjoni, hu daħal għax-xogħol, irreġistra bis-sistema tal-*palm reader* u ġie assenjat it-*truck* li kien ser isuq dakinhar. Hu spjega li kull *truck* hu mgħammar b'sistema

[1] *A fol.* 17 tal-proċess.

li tindika min ikun qiegħed isuq it-*truck*, u fejn għandu jinstaq, u li dakinhar tal-31 ta' Marzu, 2014 hu beda x-xogħol tiegħu bħalma kien jagħmel drabi oħra. L-attur kompla jgħid li waqt li kien qiegħed isuq it-*truck*, u minkejja li kien qiegħed isuq b'attenzjoni u b'veloċità baxxa, kien hemm ħofra fl-art li hu ma setax jevita, bir-riżultat li meta saq minn fuqha, ħa skoss f'dahru. L-attur kompla jispjega kif l-art tal-Freeport hi magħmula minn sensiela ta' *bricks* żgħar imqiegħda ħdejn xulxin, u li meta dawn jinqalgħu, anki minħabba l-piżijiet tat-trakkijiet li jinstaqu fuqhom, spiss jiġri li jkun hemm ħofor kbar fl-art li ma jiġux irranġati mill-ewwel. L-attur kompla jgħid li filwaqt tal-inċident, hu ħass uġigħ f'dahru, għalkemm baqa' għaddej bix-xogħol sakemm ħatt it-*truck*, u kif lesta mar fil-klinika li hemm fit-*terminal* tal-Freeport sabiex jarah in-*nurse.* Wara li rah in-*nurse,* li ħa d-dettalji ta' kif seħħ l-inċident, l-attur intbagħat il-poliklinika ta' Raħal Ġdid*,* fejn it-tabib li nvistah qallu biex jistrieħ u tah xi mediċini, filwaqt li qallu biex ma jmurx ix-xogħol sakemm iħossu aħjar. L-attur qal li minkejja li għamel kif qallu t-tabib, minflok mar għall-aħjar, hu beda jħoss aktar uġigħ, beda jzappap mal-mixi u lanqas il-karozza tiegħu ma seta' jsuq. L-uġigħ kien ta' kuljum u kien qiegħed ifixklu milli jgħix ħajja normali. Konsegwenza ta' dan, fis-17 ta' April, 2014 mar jagħmel MRI fl-Isptar Saint James, fejn ġie infurmat li kellu *slip disc* ġo dahru. Hu kompla li sussegwentement ħa l-parir ta' Mr Frederick Zammit Maempel, li rah fid-29 ta' Mejju, 2014, u li tah parir sabiex jiġi operat f'dahru minħabba li kellu żewġ *discs* imxattrin. L-attur ħa wkoll l-opinjoni tal-professur Joe Borg, li wkoll wera l-fehma li għandha ssirlu operazzjoni f'dahru, liema operazzjoni saret fil-11 t'Awwissu, 2014. Tlett ijiem wara l-operazzjoni l-attur kien intbagħat id-dar, għalkemm kien jattendi l-klinika tal-professur Borg regolarment għal *check-ups.* Kien proprju waqt dawn iċ-*check-ups* li l-attur ġie infurmat li minkejja li l-

operazzjoni kienet suċċess, hu kellu bżonn jistrieħ, tant li lanqas xogħol ma seta' jmur minħabba li x-xogħol tiegħu fih l-istrapazz. F'dak il-perijodu hu kien ġie ċċertifikat li ma jistax jaħdem mit-tobba tal-Bord tas-Sigurtà Soċjali, li kienu qegħdin jeżaminaw il-kundizzjoni fiżika tal-attur b'mod regolari. L-attur qal li hu rritorna lura għax-xogħol fis-27 ta' Jannar, 2015, u li tul dan il-perijodu hu tilef tmienja u erbgħin elf, tliet mija u disgħa u sittin Euro (€48,369) bħala salarju. L-attur qal ukoll li minkejja li rritorna lura għax-xogħol, saħħtu qatt ma reġgħet lura kif kienet qabel, u li ma jistax jiddritta saqajh tax-xellug, u li jħoss uġigħ speċjalment meta jiġi biex iqum mis-sodda jew minn bilqiegħda. L-attur qal ukoll li wara dan l-inċident, hu kellu jnaqqas ix-xogħol. Hu ġie eżaminat minn *orthopaedic specialist* fis-6 ta' Marzu, 2016, fejn ġie ċċertifikat li sofra diżabilità permanenti ta' 5%. Hu qal ukoll li minkejja li kiteb lill-Freeport sabiex jara jekk kienx ser jiġi kkumpensat għas-salarji li tilef u jekk kienx ser jiġi kkumpensat minħabba f'dan l-inċident, hu baqa' mingħajr risposta, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' ittra maħruġa minn Transport Malta fil-5 ta' Mejju, 2015[2], li tikkonferma li l-attur dam ma jmurx xogħol sas-27 ta' Jannar, 2015, u li l-medja tas-salarju tiegħu għas-snin 2011, 2012 u 2013 kienet ta' €58,850.76 fis-sena, sabiex b'hekk għall-perijodu kollu li fih l-attur dam ma jmurx ix-xogħol huwa tilef total ta' €48,369 f'salarji.

Ġie esebit ukoll kopja tar-rapport imħejji minn **Mr Frederick Zammit Maempel**[3], li fir-rapport tiegħu ddeskriva l-mod kif seħħ l-inċident abbażi ta' dak li qallu l-attur. Dan l-espert mediku *ex parte* kkonferma fir-rapport tiegħu dak li sab meta eżamina lill-attur, u filwaqt li jidher li kien hemm perijodu li fih

[2] *A fol.* 23 tal-proċess.
[3] *A fol.* 24 tal-proċess.

hu kien ibati minn uġigħ f'dahru, is-sintomi ta' uġigħ żdiedu wara l-inċident mertu ta' din il-kawża. Wara li eżamina lill-attur, Mr Zammit Maempel ikkonkluda li dan qiegħed ibati minn diżabilità permanenti ta' 5%.

Fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2016 xehed **Mario Portelli**[4], *Manager* tal-*Portworkers,* li ppreżenta kopji tal-FS3s tal-attur għas-snin 2011, 2012, 2013, 2014 u 2015.[5] Ix-xhud spjega li minkejja li mill-kalkolu li sar irriżulta li l-attur tilef aktar minn tmienja u erbgħin elf Euro salarji għall-ġranet kollha li fihom dam ma jmurx ix-xogħol, hu kien tħallas somma flus mingħand l-*insurance*, li hi *insurance* privata li tkopri lill-*port workers* u dan bħala ħlas ta' kumpens għall-ġranet kollha li fihom ma setax jaħdem.

Fl-istess udjenza xehed **Eric Cutajar**[6], li hu inkarigat mis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tax-Xatt, li qal li f'Marzu tas-sena 2014 l-art fit-*terminal* tal-Freeport kienet ħażina tant li nqalgħet u wara sar it-tarmac. Hu qal li meta l-uffiċċju tas-saħħa u s-sigurtà jinduna bi problemi simili bħal dawn, huwa jinforma lill-*health and safety officer* tal-Freeport. Cutajar qal ukoll illi meta l-għada mar fuq il-post tal-inċident, l-art kienet fi stat li ma setgħux jibqgħu jsuqu hemmhekk u kien hemm ħofor li kienu fondi bejn erbgħa u ħames pulzieri. Ix-xhud qal ukoll li huma għandhom kumitat għas-saħħa u s-sigurtà li jiltaqa' fuq bażi regolari, u li ta' kull darba jissemmew il-ħofor u t-toqob li hemm fl-art tal-Freeport. Ix-xhud spjega wkoll li jekk sewwieq tat-trakkijiet ma jindunax bil-ħofor fl-art, faċli li jieħu skoss f'dahru. Ix-xhud qal ukoll li t-trakkijiet li jinstaqu fil-Freeport għandhom *speed limiter* u li dawn jistgħu jinstaqu b'veloċità

[4] *A fol.* 28 tal-proċess.
[5] *A fol.* 40 sa fol. 67 tal-proċess.
[6] *A fol.* 32 tal-proċess.

massima ta' 30 kilometru fis-siegħa, tant li jekk wieħed jipprova jeċċedi dan il-limitu, isib li ma jistax isuq.

Fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2017 il-Qorti semgħet lil **Mario Caruana**[7], *personnel officer* fid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani tal-Freeport, li esebixxa kopja tar-rapport redatt minn uffiċjal tas-sigurtà li jkun mar fuq il-post tal-inċident, u li jikteb dak li jkun ra dak il-ħin[8], kif ukoll kopja tar-rapport li għamel in-*nurse* li nvista lill-attur.[9]

Fl-udjenza tal-20 ta' Marzu, 2017 il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' **Mr Frederick Zammit Maempel**[10], li kkonferma r-rapport redatt minnu[11], u li qal li hu wasal għall-konklużjonijiet tiegħu wara li eżamina lill-attur, u kkonsulta l-*file* tal-Isptar tal-attur. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kien ibati minn uġigħ f'dahru, tant li madwar tliet ġimgħat qabel l-inċident inkwistjoni kien mar l-Isptar fejn ħadulu *X-ray* li wera *early narrowing* tal-irkiekel tad-dahar. Ix-xhud qal li l-inċident li kellu l-attur żiedlu l-problema, tant li spiċċa kellu bżonn jagħmel operazzjoni f'Awwissu. Madanakollu, mistoqsi jekk qabel l-inċident l-attur kellux xi forma ta' diżabilità minħabba l-uġigħ li kien ikollu f'dahru, ix-xhud wieġeb li:

> "Li kellu diżabilità, bla dubju għax l-*X-Rays* ta' erba' snin qabel qed juru li l-aħħar *disc* kien faqgħu u rabba *artrite*. Jiġifieri kellu ċertu ammont ta' diżabilità żgħira minnu dak. Erba' snin qabel ħa *X-Ray* ... illi wera l-aħħar *disc* kien dejjaq. Jiġifieri kien rama l-materjal 'il barra, il-*jelly* u mhux biss kien dejjaq però rabba *artritic changes*. Jiġifieri xi diżabilità kellu dan. Ma kienx żgur mija fil-mija."

[7] *A fol.* 75 tal-proċess.
[8] *A fol.* 78 tal-proċess.
[9] *A fol.* 79 tal-proċess.
[10] *A fol.* 87 tal-proċess.
[11] Esebit *a fol.* 24 tal-proċess.

Ix-xhud spjega li minħabba li kien hemm żewġ *X-Rays* preċedenti, wieħed minnhom meħud biss tliet ġimgħat qabel l-inċident, u MRI li ttieħed wara l-inċident, hu seta' jikkonferma li minħabba l-ħsara li l-attur sofra fir-raba' u l-ħames *disc* kawża tal-inċident, kellu jmur għall-operazzjoni. Mistoqsi dwar l-istat ta' saħħa tal-attur fil-preżent, ix-xhud qal li hu seta' jikkonstata li nofs il-problema li kellu l-attur (2.5%) kienet attribwibbli għall-inċident, u n-nofs l-ieħor għall-kundizzjoni li kien fiha qabel l-inċident.

Fl-udjenza tal-20 ta' April, 2017, il-Qorti semgħet lix-xhud **Mario Delicata**[12], *Health and Safety Officer* fil-Freeport, li qal li bħala prassi fuq il-post tax-xogħol inkwistjoni hu jiltaqa' diversi drabi ma' Eric Cutajar li xehed f'dawn il-proċeduri, kemm b'mod formali u kif ukoll b'mod informali. Ix-xhud qal li ilmenti dwar il-*health and safety* jiġu kklassifikati bħala dawk li huma ta' severità għolja u dawk li huma ta' severità baxxa, skont *risk matrix* mogħtija lilhom mill-Università ta' Malta bħala kejl oġġettiv ta' kif għandu jitkejjel ir-riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Ix-xhud qal li hu ma jżommx minuti tal-laqgħat organizzati dwar is-saħħa u s-sigurtà, minħabba li l-liġi ma tirrikjedix li jinżammu tali minuti. Ix-xhud qal li l-attur kellu ħames inċidenti l-Freeport, u li fi tlieta minnhom allega li weġġa' dahru. Hu ddeskriva dawn l-inċidenti b'dan il-mod:

> "L-ewwel darba kien qiegħed jaħdem fuq vapur, fetaħ *manhole*, nesieha, mexa b'lura waqa' u weġġa' dahru. Imbagħad kellu ieħor weġġa' dahru. Kien qiegħed bi *truck*, għabbewlu l-*containers* fuq it-*truck*, aħna ngħabbu u nħottu u qalli weġġa' dahru wkoll. Imbagħad kien qal li għadda minn ħofra u weġġa' dahru jiġifieri. Darb'oħra waqgħet ħadida fuq saqajh u ma kellux is-*safety shoes* u ntefaħlu subgħajh u kont kellimtu u għidtlu int kif qiegħed bla *safety shoes* jekk jagħtukom is-*safety shoes?"*

[12] *A fol.* 93 tal-proċess.

Dawn ir-rapporti, flimkien ma' rapport ieħor dwar episodju meta lill-attur daħallu trab f'għajnejh, ġew esebiti mix-xhud[13], li kkonferma li dawk ir-rapporti ma sarux min-naħa tal-uffiċċju tas-saħħa u s-sigurtà fil-Freeport, iżda min-naħa tas-*security* li mhumiex impjegati ta' Malta Freeport Terminals Limited, iżda huma impjegati ma' terzi. Ix-xhud qal li x-xogħol tiegħu hu biss li jinvestiga, u li meta jkun hemm xi ħaġa nieqsa min-naħa tal-Malta Freeport, hu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet biex jittieħdu miżuri ta' kontroll u jsir *follow up* fuqhom. Hu qal li bħala uffiċċju hu jmur għar-*root cause* sabiex jistabbilixxi x'kien li wassal għall-inċident, u li lilu ma jinteressahx min ikun ikkawżah jew le. Hu qal li wara l-inċident tal-attur huwa kien mar fuq il-post, iżda l-konklużjoni tiegħu kienet li:

> "... rajtha mhux ħa ngħidlek impossibbli imma l-probabilità li weġġa' dahru għax kien ġo *truck* u għadda minn skoss, hija remota ħafna. Hawnhekk jekk jinteressa lill-Qorti ġibt id-*design* tas-*seat* li għandna ġol-vann. Dan għandu *mechanical features* għal tal-apposta skont il-*weight* tal-persuna u jaġġusta minn taħt is-*seat* bil-buttuna skont il-*weight*."

Ix-xhud kompla li fl-opinjoni tiegħu, hija ħaġa remota li xi ħadd iweġġa' dahru minħabba li jgħaddi bit-*truck* minn ġo ħofra. Hu qal ukoll li l-manutenzjoni fuq it-trakkijiet issir b'mod regolari, kull mija u ħamsin siegħa, u li dan it-*truck* partikolari kien mantnut b'mod tajjeb. Hu kkonferma li l-manutenzjoni tat-trakkijiet ma ssirx mill-Freeport iżda minn Motherwell Bridge, u li hu kellu konferma dokumentata li din kienet saret. Mistoqsi jekk l-istat tal-pavimentar tal-art setax ikkontribwixxa għall-iskoss li ħass l-attur, ix-xhud kien xettiku, għalkemm insista li dwar dan l-aħjar li jixhed inġinier jew perit. Hu qal li parti mill-art tal-Freeport, partikolarment Terminal 1 fejn seħħ l-inċident, hi

[13] *A fol.* 104 sa 122 tal-proċess.

magħmula minn blokki tal-*concrete,* imma hemm parti magħmula miż-żrar u parti magħmula mit-tarmac.

Fit-12 ta' April, 2017 xehed **Jeffrey Busuttil**[14], *Manager* fl-uffiċċju tal-*Port Workers,* u amministratur tal-*Port Workers Personnel and Contingent Fund,* li qal li parti mill-inkarigu tiegħu hu li jieħu ħsieb iċ-ċertifikati mediċi f'każ ta' mard, korrimenti, u jieħu ħsieb ukoll il-*claims* li jsiru mill-ħaddiema tax-Xatt mal-*insurers* minħabba fil-mod kif titħaddem is-sistema li biha dawn jitħallsu meta ma jkunux qegħdin jaħdmu –

> "... l-ewwel ħamest ijiem għandhom sistema li jitħallsu mill-kaxxa tagħhom, jiġifieri mill-flus tagħhom. Wara ħamest ijiem jaqgħu taħt l-*insurers*. In case ta' *sickness* wieħed u disgħin ġurnata, *in case of injury* għal 104 weeks u ma jkollhom xejn aktar ħlief dik it-thirty seven fifty. Jiena bħala *personnel* nieħu ħsieb li nikklejmjalhom dak li qegħdin jgħidu mill-*insurers* biex huma jkunu jistgħu jieklu għax inkella dan jekk ma jaħdimx ma jikolx il-*port worker* ..."

Ix-xhud esebixxa wkoll kopji taċ-ċertifikati tal-mard li jeċċedu l-ħamest ijiem mill-*file* tal-attur għad-disa' snin li fihom hu kien impjegat fil-Freeport.[15] Ix-xhud ikkonferma li f'każ ta' korriment, titħaddem sistema fejn l-impjegat jiġi eżaminat mill-*Industrial Injuries Board,* u dan minħabba li l-Gvern ukoll ikun qiegħed iħallas il-benefiċċju tal-*injury,* għalkemm f'każ li t-tabib tas-soċjetà konvenuta jkollu xi dubju dwar l-intenzjonijiet tal-impjegat, hemm ċirkostanzi fejn dan jibgħat għall-individwu u jitolbu ċ-ċertifikat mingħand xi professur. Ix-xhud ma setax jikkonferma jekk l-attur applikax għal xi kumpens minħabba l-*permanent disability,* u qal li sa fejn jaf hu, l-attur irċieva biss €37.50 għal kull ġimgħa li fiha ma marx ix-xogħol.

[14] *A fol.* 126 tal-proċess.
[15] *A fol.* 129 sa fol. 133 tal-proċess.

Fl-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2017, xehed **Stephen Busuttil**[16], *Project Manager* tal-Freeport, li jieħu ħsieb ix-xogħol li jsir fit-*terminal* tal-Freeport, bħalma huma t-tiswija tal-pavimenti, il-bini ta' mollijiet, il-kostruzzjoni li ssir fil-port. Dwar l-istat tat-toroq fil-Freeport, ix-xhud qal li hemm diversi toroq, uħud minnhom li huma *vehicular passages* minn fejn jgħaddu t-trakkijiet, għandhom parti miksija bil-madum, *interlocking blocks* ta' xi 100 mm, bir-ramel taħthom u b'erbatax-il pulzier konkos taħtu, filwaqt li hemm toroq oħrajn li jsiru bil-konkos u li huma magħmula bit-tarmac, dak li jgħidulu *bituminous concrete.* Hu qal li minkejja li partijiet mill-pavimentar għadhom bil-*bricks*, dan l-aħħar qiegħda ssir tranżizzjoni għal *concrete* minħabba li dan jissewwa aktar faċilment. Hu qal li bħala proċedura ta' manutenzjoni tat-toroq, kull tliet xhur hu jmur jagħmel *physical survey* tat-toroq fejn jieħu nota taż-żoni li trid issir manutenzjoni fihom, u wara jitfassal programm sabiex tkun tista' tibda l-manutenzjoni. Hu qal li jista' jkun li jkun hemm *input* minn ħaddiema oħrajn tal-Freeport, bħalma huma l-*operators, clerks, health and safety,* u li dawn jiltaqgħu darba f'xahar u jagħmlu rapporti dwar ħsarat li jkun hemm. Ix-xhud kompla jgħid li hu jdaħħal ix-xogħlijiet ġo pjanta, jagħmel stimi dwar l-ispejjeż marbuta ma' dawn ix-xogħlijiet, u jgħaddihom lis-CEO tal-Freeport li jagħmel elenku tal-prijoritajiet dwar it-tiswijiet kif għandhom isiru u kif għandhom jiġu vvutati l-flus għat-tiswijiet. Ix-xhud qal li jekk ħofra ma tissewwiex, din tista' tikkawża ħsara lill-inġenji u li finalment din tista' twaqqaf l-operat tal-Freeport. Ix-xhud spjega b'mod dettaljat kif jiġi stabbilit jekk żona partikolari għandhiex tingħata prijorità sabiex tissewwa jew le, u li dan jiddependi mid-daqs tal-ħofra u mit-tip ta' inġenji li jkunu ser jgħaddu minn

[16] *A fol.* 134 tal-proċess.

fuqha.[17] Ix-xhud esebixxa wkoll pjanta li tindika x-xogħol li sar fuq it-*terminals* tal-Freeport fl-2014. Hu qal li jkun hemm istanzi fejn jittieħdu miżuri temporanji sabiex il-ħofor jitgħattew. Ix-xhud qal li wara l-inċident inkwistjoni hu kien mar fuq it-*terminal* sabiex jara b'għajnejh jekk kienx hemm xi ħofra li setgħet tikkawża skoss, u qal li hu ma setax isib ħofor, għalkemm kien hemm parti mit-triq li kellha qisha 'ħotba' u li kellha tiġi rranġata. Hu ddeskriva x-xogħol li kien meħtieġ li jsir:

> "Li nagħmel naqla' l-madum kollu, naqla' l-konkos ta' taħt, nagħmlu dritt, nagħmel *compaction*, nagħmel il-konkos ġdid u nkun għamiltha bit-tarmac flok bil-madum għax illum tant hemm xogħol li ma jħallunix."

Ix-xhud qal, li madanakollu bil-limitazzjonijiet ta' veloċità li wieħed jista' jsuq bihom fil-Freeport, mhux possibbli li sewwieq ta' *truck* iħoss tumbata bħal dik li sab hu meta mar jistħarreġ fuq is-sit. Hu kompla jgħid li l-għada li daħal ir-rapport dwar l-inċident li kellu l-attur, hu mar jeżamina ż-żona kollha, u għamel *survey* li jelenka dak kollu li hu ra fit-triq. Hu qal li kull darba li jiltaqa' ma' problema jew xi difett li jrid jissewwa, iniżżlu fil-lista tat-tiswijiet li jkunu jridu jingħataw prijorità, liema lista tintbagħat lis-CEO tal-Freeport.[18]

---

[17] "Il-madum wiesa' erba' pulzieri u taħtu għandu żewġ pulzieri ramel. Jekk trid nitkellem bħala metri, erba' pulzieri huma hundred u żewġ pulzieri huma fifty millimeter. Jekk iċedi r-ramel ta' taħt, it-triq tinżel pulzier u nofs, twenty five millimeter. Ma jkunx hemm għalfejn taqlagħha mil-lum għal għada għax int trid tiftakar li r-roti tat-trakkijiet tagħna fihom 1.02 m u l-ispeed limit tal-Freeport huwa 30km. It-trakkijiet issettjati li ma jimxux aktar min 28km fil-Freeport. Jiġifieri eventwalment jekk issib ħofra ta' sitt pulzieri u tkun għaddej b'dak l-ispeed, lanqas tħossha. Sitt pulzieri jkun spiċċa l-madum u r-ramel. Jekk tkun ħofra li tkun two inches jew three inches, immorru għal prioritajiet fejn ikun hemm ħofra akbar għax aħna barra li nsewwu t-toroq tat-trakkijiet, insewwu t-toroq tal-krejnijiet. Għandna krejnijiet fuq it-*tyres* ngħidulhom RTG, *rubber tyre gantry* u dawn għandhom travi fejn jimxi u jekk ikollu ħsara jmorru jsewwuha għax *crane* kif jgħaddi minn fuqha jieqaf u jintefa'. Però anke l-ħaddiema jgħaddu minn fuqha din it-triq, jiġifieri nsewwuha għal kulħadd għax int biex tidħol għal ġol-*loading bay* bit-*truck* tiegħek, trid tikkrossja minn dan it-travu."

[18] "Li nagħmel indaħħlu fil-pjanta, jekk hi urġenti nibgħatha lis-CEO tal-Freeport mill-ewwel, ngħidlu 'isma' għandna problema din il-ħofra trid tissewwa immedjatament' jew niktiblu, nagħmel l-istima tagħha u nibgħatielu hux, imma ma nagħmilx rapport."

Permezz ta' nota datata l-5 ta' Lulju, 2017, l-attur esebixxa kopja tal-*payslips* li jindikaw il-ħlasijiet li saru lilu mis-soċjetà konvenuta fil-perijodu bejn il-15 t'April, 2014 u s-27 ta' Frar, 2015.[19]

Fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru, 2017 reġa' xehed Mr Frederick Zammit Maempel[20], li kkonferma li l-ewwel darba li nvista lill-attur kien fid-29 ta' Mejju, 2014 meta ġie muri l-MRI li kien għamel l-attur ftit ġranet qabel, u minn fejn ix-xhud seta' jikkonstata li l-attur kien sofra minn *slip disc* qawwi. Hu qal li dak li seta' josserva mir-riżultat tal-MRI kien proprju dak li wassal lix-xhud jirreferi lill-attur lin-*neurosurgeon* Mr Antoine Zrinzo biex dan joperah f'dahru. Mistoqsi in kontroeżami jekk ir-rapport tiegħu kkonkludiehx qabel l-attur safa operat jew wara, ix-xhud wieġeb li hu għamel ir-rapport tiegħu wara li lill-attur kienet saritlu l-operazzjoni.

Il-kontroeżami tal-attur Charlot Debono sar fl-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2018[21], fejn lill-attur sarlu riferiment għall-parti tax-xhieda tiegħu fejn qal li qatt ma kellu inċident fuq il-post tax-xogħol ħlief għal dak odjern, u sar ukoll riferiment għax-xhieda ta' Mario Delicata, li qal li l-attur kellu xi erba' jew ħames inċidenti qabel l-inċident mertu tal-kawża. Mistoqsi jekk hux minnu li hu kellu inċidenti oħrajn qabel dan, l-attur wieġeb li hu qatt ma kellu inċidenti li minħabba fihom kellu jagħmel tul ta' żmien ma jmurx ix-xogħol, u li qabel daħal jaħdem bħala ħaddiem tax-Xatt kien sarlu eżami mediku. Ix-xhud qal li darba kellu inċident li minħabba fih dam ħamest ijiem ma jmurx xogħol.

[19] *A fol.* 148 sa 170 tal-proċess.
[20] *A fol.* 174 tal-proċess.
[21] *A fol.* 187 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Qabel kull ħaġa oħra il-Qorti trid tistabbilixxi jekk is-soċjetà konvenuta għandhiex tinżamm responsabbli għall-akkadut, u dan fid-dawl tal-fatt li tressqu provi konfliġġenti mill-partijiet fil-kawża, bl-attur jgħid li l-uġigħ f'dahru u l-ħtieġa li jiġi operat kienu konsegwenza diretta tal-iskoss li hu ħa meta kien qiegħed isuq *truck* u għadda minn fuq ħofra, u bis-soċjetà konvenuta tiċħad dan, u tgħid li t-toroq fil-Freeport kienu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni tant li hi m'għandhiex tinżamm responsabbli għall-akkadut.

L-attur iddeskriva b'mod dettaljat kif waqt li kien qiegħed isuq it-*truck* tiegħu fit-*terminal* tal-Freeport, huwa għadda minn fuq ħofra, ħa skoss u ddeskriva wkoll dak kollu li għadda minnu fil-ġranet ta' wara, bl-eżamijiet mediċi li sarulu li wasslu biex kellu jsirlu intervent kirurġiku f'dahru. It-teżi attriċi hija korroborata mill-konstatazzjonijiet li għamel Mr Fredrick Zammit Maempel, konsulent mediku kuranti tal-attur, li spjega li filwaqt li l-attur kien qiegħed isofri minn xi forma ta' debilità f'dahru qabel seħħ dan l-inċident, tant li kien ħa *X-Rays* tal-irkiekel ta' dahru xi tliet ġimgħat qabel l-inċident, meta sar paragun ta' dawn l-*X-Rays* mal-MRI li ttieħed mill-attur ftit jiem wara l-inċident, proprju fis-17 ta' April, 2014, u dan minħabba l-uġigħ kontinwu li kien qiegħed iħoss, kien hemm indikazzjonijiet ċari li wara li l-attur ħa dan l-iskoss, il-problema f'dahru aggravat tant li ġie riferut għand il-kirurgu Mr Antoine Zrinzo minħabba li l-konsulent tiegħu Mr Frederick Zammit Maempel kien tal-fehma li kien hemm bżonn ta' operazzjoni sabiex jiġi indirizzat l-uġigħ. Il-verżjoni tal-fatti li ta l-attur, jiġifieri li fl-art li kien qiegħed isuq fuqha kien hemm il-ħofor, hi korroborata minn dak li xehed Eric Cutajar, uffiċjal inkarigat mis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tax-Xatt, li saħansitra xehed li wieħed mill-

ilmenti ewlenin tal-ħaddiema fil-Freeport kien dwar l-istat ħażin tat-toroq li jridu jsuqu minn fuqhom. Eric Cutajar qal ukoll illi meta l-għada mar fuq il-post tal-inċident, l-art kienet fi stat li ma setgħux jibqgħu jsuqu hemmhekk u kien hemm ħofor li kienu fondi bejn erbgħa u ħames pulzieri.

Min-naħa l-oħra, ix-xhieda Mario Delicata u Stephen Busuttil, uffiċjali fil-Malta Freeport, it-tnejn li huma xehdu li l-pavimentar fil-Freeport kien fi stat ta' manutenzjoni tajba. Stephen Busuttil qajjem dubji dwar l-eżistenza tal-ħofra li magħha allegatament ħa skoss l-attur bit-*truck* tiegħu, u qal li meta hu mar biex jagħmel spezzjoni fuq il-post ma setax isib fejn kienet din il-ħofra, għalkemm ikkonstata li kien hemm 'ħotba' li kellhom isiru x-xogħlijiet fuqha. Dawn ix-xhieda partikolari esprimew xettiċiżmu dwar kemm kien possibbli li l-attur ikollu t-tip ta' inċident deskritt minnu. Barra minn hekk fin-nota ta' osservazzjonijiet tas-soċjetà konvenuta tqajjem il-punt li l-attur ma pproduċa l-ebda ritratt jew xi prova oħra li tindika b'ċertezza li kien hemm ħofra fl-art fejn allegatament seħħ l-inċident inkwistjoni. Intqal ukoll, mis-soċjetà konvenuta li trakkijiet bħal dak li kien qiegħed isuq l-attur huma mgħammra b'*safety features* li kważi kważi jagħmluha impossibbli li wieħed isuq b'ċerta veloċità jew li wieħed ikollu t-tip ta' inċident deskritt f'dawn il-proċeduri, minħabba t-tagħmir li fihom dawn it-trakkijiet li jaġġustaw irwieħhom saħansitra skont il-piż tas-sewwieq u t-tagħbija li jkun qiegħed iġorr. Is-soċjetà konvenuta osservat ukoll li jekk l-attur kellu kundizzjoni medika minn qabel seħħ l-akkadut, huwa kellu r-responsabbilità li jinforma b'dan lil min qiegħed jimpjegah, speċjalment jekk il-kundizzjoni ta' saħħtu nbidlet miż-żmien li fih hu ġie lliċenzjat bħala ħaddiem tax-Xatt.

Il-Qorti kkunsidrat kemm il-provi li tressqu quddiemha, kif ukoll is-sottomissjonijiet li saru mill-partijiet, sabiex tasal għall-konklużjonijiet tagħha. F'kawżi ta' din ix-xorta fejn il-Qorti tkun iffaċċjata b'diversi verżjonijiet tal-fatti kif ġraw, kif ukoll b'xhieda konfliġġenti, il-Qrati tagħna spiss jesprimu ruħhom fir-rigward ta' dawn id-diverġenzi. Hekk pereżempju, f'sentenza fl-ismijiet **George Bugeja *vs.* Joseph Meilak**[22], il-Qorti stabbiliet illi:

> "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et *vs.* William Rizzo et**[23], il-Qorti kkonkludiet:

> "In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li *onus probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat* (App. Inf. Anthony Camilleri vs. Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra però mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn

[22] P.A., 30.10.2003.
[23] P.A., 28.04.2004.

versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna** ***vs.*** **Philip Azzopardi**[24] fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, p.5**.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola

[24] App. Inf., 12.04.2007.

legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104."

Fl-aħħar nett jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino *pro et noe vs.* Joseph u Charles Fino**[25] illi:

"Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri *vs.* Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit *vs.* Petrococchino**, Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo *vs.* C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet"."[26]

Il-Qorti tqis illi waħda mill-provi determinanti li tressqet quddiemha fil-kawża odjern, hija x-xhieda li ta Mr Frederick Zammit Maempel meta dan ikkompara r-riżultati tal-*X-Ray* meħud tliet ġimgħat biss qabel seħħ l-akkadut, u dan meta l-attur kien diġà jbati minn uġigħ fil-parti t'isfel ta' dahru, u r-riżultat tal-MRI li

[25] Q.A. (Sede Superjuri), 24.09.2004.
[26] Ara wkoll **Bugeja *vs.* Mejlaq**, P.A., 30.10.2003.

ttieħed madwar ġimagħtejn wara li seħħ l-akkadut, u li juri deterjorazzjoni sinifikanti fl-istat ta' saħħet l-attur, tant li l-konsulent mediku Mr Frederick Zammit Maempel ħass il-ħtieġa li jirreferih lin-*neurosurgeon* Antoine Zrinzo li fil-fatt operah. Dawn iż-żewġ testijiet mediċi, meħuda biss ħames ġimgħat bogħod minn xulxin, huma indikazzjoni qawwija li dakinhar tal-31 ta' Marzu 2014, meta l-attur ħa l-iskoss li wasslu biex imur għal konsulta medika minħabba fl-intensità tal-uġigħ li beda jħoss minn ftit mumenti wara, ġrat xi ħaġa li wasslet biex l-attur kellu jiġi operat u biex jiġi ċċertifikat li qiegħed ibati minn debilità permanenti, tant li għamel għadd ta' ġimgħat rikoverat u ma jistax imur ix-xogħol. Is-soċjetà konvenuta bl-ebda mod ma ttentat tikkontradiċi jew ixejjen din il-prova xjentifika, lanqas b'talba għal ħatra ta' espert mediku mill-Qorti.

Is-soċjetà konvenuta allegat li kien hemm element ta' kontributorjetà u negliġenza da parti tal-attur li kien jaf li kellu kundizzjoni medika preeżistenti, u li qatt ma informa lill-*management* tal-Freeport biha. Iżda l-Qorti tqis li f'ċirkostanzi normali, fejn la jkun hemm ħofor u lanqas tumbati f'toroq li fihom iridu jinstaqu trakkijiet ta' ċertu kobor, persuna li għalkemm tbati minn uġigħ kroniku f'daharha ma tispiċċax tieħu skoss li kawża tiegħu jkollha tiġi operata u tagħmel disa' xhur ma tmurx ix-xogħol. Il-Qorti kkunsidrat li ma kienx biss l-attur li xehed li l-istat tat-toroq fil-Freeport ma kienx wieħed kif kellu jkun, iżda kien hemm ukoll ix-xhieda ta' Eric Cutajar li qal li l-ilment prinċipali tal-ħaddiema tal-Freeport, li huma obbligati jinfurmaw lill-*management* tal-kumpannija kull meta jiltaqgħu ma' sitwazzjonijiet ta' periklu għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom, kien li l-istat tat-toroq ġewwa l-Freeport kien wieħed ħażin. Minnu wkoll li mix-xhieda mogħtija minn Mario Delicata u Stephen Busuttil irriżulta li l-manutenzjoni fil-Freeport hija waħda kontinwa,

iżda lill-Qorti ma jirriżultalhiex li dan il-grad ta' manutenzjoni kien sufficjenti biex jiġu evitati inċidenti bħal dak li kellu l-attur. Ċertament illi f'post tax-xogħol li fih riskji kontinwi għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, fejn il-ħin kollu jintużaw inġenji ta' ċerti dimensjonijiet u toqol kbir u fejn it-traffiku hu prattikament kollu ta' trakkijiet li jġorru l-*containers* fuqhom, il-livell ta' manutenzjoni li jrid isir fuq il-pavimentar irid ikun ferm aktar frekwenti milli ta' darba kull tliet xhur. Mix-xhieda ta' Stephen Busuttil irriżulta inoltre, li hu mar fil-post preċiż li fih l-attur kellu l-inċident wara li seħħ l-akkadut, u kien biss wara l-ilment tal-attur li ttieħdu passi sabiex it-'tumbata' lil kien hemm fit-triq, tiġi mwittija.

Din il-Qorti diġà kellha l-opportunità li tagħmel analiżi dettaljata tad-dispożizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw l-element ta' responsabbilità da parti ta' min iħaddem fejn jidħlu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Fis-sentenza fl-ismijiet **Philip Vassallo *vs.* Malta Freeport Terminals Limited**[27], din il-Qorti qieset illi:

> "Skont l-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili, 'Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr il-ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.'
>
> Ir-regola ġenerali in tema extra-kontrattwali, li ilha stabbilita fil-Kodiċi Ċivili hi li 'kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu' (l-artikolu 1031). Ikun fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, iżda ħadd ma jwieġeb għal nuqqas ta' grad ikbar ta' diliġenza (l-artikolu 1032).
>
> Anke fil-qasam tax-xogħol, kwalsiasi azzjoni (pożittiva jew negattiva) jew forma ta' kondotta assunta trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u d-diliġenza tal-*bonus*

[27] P.A., 21.03.2016.

> *paterfamilias*. Għandha tkun akkumpanjata wkoll minn dak il-buon sens li ż-żmien, il-mument u s-sitwazzjoni partikolari jkunu jirrikjedu jew ikunu jiddettaw. Din hija l-bażi preventiva li l-liġi tagħna tiġbor fiha u dan sabiex tbiegħed lill-persuna mill-ħsara, anke għal dak li jirrigwarda ħsara potenzjali."

Il-leġiżlatur ħaseb sabiex ifassal numru ta' miżuri li ġew introdotti fil-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol), liema miżuri għandhom jiġu adottati minn min iħaddem sabiex jiġi evitat dannu fiżiku u psikoloġiku, korrimenti u mwiet fuq il-postijiet tax-xogħol, u minkejja li jidher li s-soċjetà konvenuta ħadet ħsieb iddaħħal bosta minn dawn il-miżuri, xorta waħda hemm nieqes fit-tħaddim ta' dawn il-miżuri, il-grad ta' diliġenza ogħla li hu rikjest f'ambjent tax-xogħol daqstant riskjuż bħalma huwa l-Freeport. Il-Qorti tesprimi t-tħassib tagħha għal dak li semgħet waqt il-ġbir tal-provi, meta Eric Cutajar, l-uffiċjal inkarigat mis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tax-Xatt, xehed li wieħed mill-ilmenti ewlenin li jagħmlu l-ħaddiema tax-Xatt huwa dwar l-istat tat-toroq fil-Freeport.

Fis-sentenza appena ċċitata, il-Qorti għamlet riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Felix Xerri *vs.* Beechwood Limited**[28]:

> "Għar-rigward il-prinċipji li jirregolaw il-materja, din il-Qorti tirribadixxi li, filwaqt illi l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna timponi obbligi severi fuq min iħaddem biex jassigura *'a safe environment'* fuq il-post tax-xogħol u li dan jipprovdi l-mezzi kollha neċessarji u meħtieġa biex tiġi salvagwardjata l-inkolumità tal-ħaddiema tiegħu fuq il-lant tax-xogħol, dan ma jwassalx għall-kunċett ta' *'strict liability'* ta' min iħaddem, u l-impjegat li jweġġa' fuq ix-xogħol huwa obbligat li jipprova li l-inċident seħħ b'responsabbilità ta' min iħaddem. Lanqas ma jista' jingħad li teżisti xi preżunzjoni jew, kif sejħitilha l-ewwel Qorti, 'kważi preżunzjoni', ta' responsabbilità li min iħaddem kull meta jseħħ inċident

[28] Q.A., 03.04.2009.

> li fih iweġġa' ħaddiem. Hu obbligu tal-ħaddiem li juri u jipprova li l-inċident seħħ konsegwenza ta' nuqqas ta' min iħaddem, partikolarment li jkun injora xi obbligu impost fuqu bil-liġi jew bil-ġurisprudenza *in subjecta materia*.'

Wara li wasslet għall-konklużjoni illi s-soċjetà konvenuta għandha tinżamm responsabbli għall-akkadut, il-Qorti sejra tgħaddi biex tistabbilixxi l-*quantum* tad-danni pretiżi mill-attur, li huma danni materjali (*damnum emergens)* kif ukoll telf ta' qligħ futur ikkaġunat mid-debilità permanenti sofferta mill-attur (*lucrum cessans).*

*Damnum emergens*

B'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża l-attur ma setax imur xogħol bejn il-31 ta' Marzu, 2014 u s-26 ta' Jannar 2015. Mill-provi jirriżulta li l-attur irritorna għax-xogħol fis-27 ta' Jannar, 2015 u ġie stabbilit li b'kollox l-attur dam tliet mitt (300) ġurnata nieqes mix-xogħol. Għal skopijiet ta' kalkolu ta' telf ta' salarju, il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-FS3s tal-attur, partikolarment dik tal-2013 li hija s-sena immedjatament qabel seħħ l-inċident mertu tal-kawża[29], minn fejn jirriżulta li l-attur kellu dħul gross ta' €64,236 u dħul nett ta' €47,612. Dan jammonta għal medja ta' €130.44 dħul nett għal kull ġurnata, li meta kkalkulati fuq 300 ġurnata li fihom l-attur ma daħalx ix-xogħol, jammontaw għal €39,133.15. Mid-dokumenti esebiti mill-attur *a fol.* 149 sa 170 tal-proċess, jirriżulta wkoll li tul il-perijodu li fih l-attur dam ma jmurx ix-xogħol, hu ġie kkumpensat ħlas ta' *sick/injury leave* kif ukoll kien hemm ħlasijiet ta' €37.50 fil-ġimgħa għal numru ta' ġimgħat, liema ħlasijiet

[29] *A fol.* 42 tal-proċess.

jammontaw għal €10,542.38.[30] B'hekk jirriżulta li t-telf materjali tal-attur għall-perijodu kollu li fih hu dam ma jmurx xogħol jammonta għal **€28,590.77.**

*Lucrum cessans*

Għal dak li jirrigwarda t-telf ta' qligħ futur li se jġarrab l-attur minħabba fid-debilità permanenti sofferta minnu, il-Qorti jeħtiġilha tieħu konsiderazzjoni ta' diversi fatturi. L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula kif għandhom jitqiesu danni ta' din ix-xorta:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[31], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Paul Debono vs Malta Drydocks**[32], ġie stabbilit illi:

[30] Komputazzjoni bbażata fuq id-dokumentazzjoni pprovduta mill-attur, esebita *a fol.* 149 sa 170 tal-proċess.
[31] P.A., 18.02.2013.
[32] P.A., 27.04.2005.

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenzi kopjużi ta' dawn il-Qrati sabiex kemm jista' jkun tasal għal ammont likwidat li jkun jirrispekkja l-kriterji li ġew stabbiliti f'sentenzi simili li diġà ngħataw, anki għaliex huwa desiderabbli li jkun hemm grad ta' uniformità fis-sentenzi li jingħataw mill-Qrati tagħna.

In vista tal-fatt li l-partijiet fil-kawża qegħdin jaqblu li l-*multiplier* li għandu jiġi adottat huwa ta' 25, meta jitqies li l-attur kellu 32 sena fiż-żmien li fih seħħ l-inċident u tenut kont tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, il-Qorti ser tkun qiegħda tadotta l-*multiplier* kif propost.

Il-Qorti ser tieħu bħala qligħ annwali li kien mistenni jipperċepixxi l-attur mis-soċjetà konvenuta fis-sena 2014, is-sena li fih seħħ l-inċident, abbażi tal-FS3 tas-sena 2013, u ċjoè dħul nett ta' €47,612. Din il-paga trid tiġi aġġustata u togħla abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[33], sabiex b'hekk is-salarju bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €47,612 + €59,038.88 /2 = **€53,325.44**.

---

[33] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

Fil-komputazzjoni tagħha l-Qorti trid tikkunsidra l-grad ta' diżabilità permanenti li ssofri l-vittma bħala konsegwenza tal-inċident b'mod li tqis in-nuqqas fl-*industrial efficiency* tal-attur. F'dan il-każ, l-espert mediku *ex parte* Mr Frederick Zammit Maempel ikkonkluda li d-debilità permanenti sofferta mill-attur hi fil-grad ta' 5%, li minnha 2.5% biss hi konsegwenza diretta tal-inċident tal-kawża. Il-Qorti tqis illi m'hemm l-ebda raġuni li għaliha għandha tiddipartixxi minn din il-konklużjoni esperta.

In vista tal-fatt li l-partijiet fil-kawża qegħdin jaqblu li l-*multiplier* li għandu jiġi adottat huwa ta' 25, meta jitqies li l-attur kellu 32 sena fiż-żmien li fih seħħ l-inċident u tenut kont tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, il-Qorti ser tkun qiegħda tadotta l-*multiplier* kif propost.

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas b'20% minħabba li l-ħlas ser isir f'darba *(lump sum payment)* f'dawk l-istanzi fejn ikun għadda żmien qasir bejn l-event dannuż u s-sentenza finali (**Scicluna *vs.* Meilaq**[34]). F'numru ta' kawżi li ħadu ammont ta' snin biex jinqatgħu, il-Qorti ħasset li għandu jkun hemm tnaqqis ta' 2% għal kull sena ta' dewmien sakemm il-kawża kellha eżitu finali (**Caruana *vs.* Camilleri**[35]). Fiċ-ċirkostanzi odjerni, il-Qorti tħoss li m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-komputazzjoni finali minħabba d-dewmien u dan minħabba li l-inċident mertu tal-kawża seħħ fis-sena 2014, filwaqt li l-proċeduri odjerni nbdew fis-sena 2016, bis-sentenza ser tkun qiegħda tingħata anqas minn sentejn wara.

Għaldaqstant ikkunsidrata l-paga tal-attur aġġustata skont l-inflazzjoni, multiplikata b'*multiplier* ta' 25, bi 2.5% grad tad-diżabilità permanenti sofferta

[34] P.A. 16.07.2001.
[35] 05.10.1993.

mill-attur, tagħti l-ammont ta' €33,328.40. Tnaqqis ta' 20% ta' dan l-ammont peress li l-ħlas ser isir f'pagament ta' darba, iwassal għal kumpens ta' **€26,662.72** bħala *lucrum cessans,* li flimkien mal-ammont ta' danni materjali ta' **€28,590.77**, jagħtu danni totali ta' **€55,253.49**.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta;**
2. **Tilqa' t-talbiet attriċi u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident li seħħ nhar il-31 ta' Marzu, 2014 waqt il-ħin tax-xogħol, f'liema inċident l-attur Charlot Debono sofra debilità permanenti;**
3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi inċident fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf, mitejn u tlieta u ħamsin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€55,253.49);**
4. **Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur l-ammont ta' danni hekk likwidati.**

**Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 972/2016, u bl-imgħaxijiet legali mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.